# TRIBUNAL TAL-APPELLI DWAR L-INFORMAZZJONI U L- PROTEZZJONI TAD-DATA

**Appell Numru 37/2016**

**Birdlife**

Vs

**Il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data**

Deċiżjoni 26 ta' April 2018

Chairman: Dr Anna Mallia LL.D., LL.M. (Lond), Dip.Tax
Membri : Mr Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)
Mr David Bezzina HNDip C.S., BSc IT (Hons)

It-Tribunal

Ra l-appell tal-Birdlife Malta li permezz tiegħu appell mid-deċiżjoni tal-Kummissarju għall-informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data tal-5 ta' Settembru 2016 li permezz tagħha ċaħad it-talba tal-appellanti sabiex jingħata *(a) "all geographical locations on the Maltese Islands of trapping sites authorized by the Wild Birds Regulation to be operative during the trapping season of 2014 (derogation for the trapping of golden plover and song thrush; derogation for the trapping of seven finch species), including the species of birds authorized to be captured by each and every site ; and (b) all geographical locations on the Maltese Islands of trapping sites authorized by the Wild Birds Regulation Unit to be operative during the trapping season of 2015 (derogation for the trapping of golden plover and song thrush; derogation for the trapping of seven finch species), including the species of birds authorized to be captured by each and every site."*

F'dan l-appell Birdlife Malta tikkontendi li l-informazzjoni mitluba taqa' taħt id-dispożizzjonijiet tal-artiklu 5 tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni, li tali informazzjoni mhix eżenti taħt l-artikolu 30(2)(b) u (c) tal-istess Att; li japplika l-Artikolu 13(3) tal-istess Att u li skond l-artikolu 23(4) tal-istess Att l-Kummissarju appellat għandu ċertu obbligazzjonijiet u li d-diskrezzjoni tiegħu ma applikahiex korrettement f'dan il-każ. Li għalhekk hija tikkontendi li:

Id-dokumenti mitluba ma humiex eżenti a fini tal-artikolu 30(2)(b) u (c) u l-Artikolu 38(a) u (c) (u għalhekk Part V) tal-Att dwar il-Libertà tal-informazzjoni;

Għalkemm tali dokumenti jistgħu ikunu eżenti taħt tal-artikolu 5(3) minħabba d-data personali huma nonostante eżenti minħabba l-proviso tal-istess artikolu 5(3);

Li huwa possibbli u raġonevolment prattiku li jingħataw tali dokumenti/data;
l-artikolu 13(3) jistabbilixxi li ebda dokumenti ma jistgħa jiġi miżmum minħabba materjal irrelevanti;

Li l-Kummissarju kien messu uża d-diskrezzjoni tiegħu aħjar kif ukoll kien messu pprovda aktar gwida lil Awtorità Pubblika

Ra li t-talba ġiet miċħuda stante li d-data mitluba tinkludi data personali ai termini tal-Artiklu tal-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data u li l-proviso tal-artiklu 5(3)(a) tal-istess Att ma jistgħax jiġi applikat u dana skond il-Kummissarju appellat *"it is certainly not reasonably practical for the public authority having regard to the nature and extent of the work involved in deciding on and making those deletions and the resources available for the work, to make such a copy."*

Ra r-risposta tal-Kummissarju appellat li permezz tagħha l-Kummissarju huwa ċaħad li meta n-nassaba japplika huma jagħtu l-kunsens tagħhom sabiex d-data personali tkun pubblika u li tali data ingħatat sabiex ikollhom l-liċenzja ta' fejn jonsbu u mhux biex l-appellanti jkollhom tali data ; li l-eżerċizzju mitlub mill-appellanti jiswa lil Awtorità Pubblika aktar minn tnax-il elf ewro (€12,000) minbarra l-ispejjeż biex wieħed jissepara d-data personali tal-persuni reġistrati. Huwa jagħmel referenza għall-Artikolu 5(3) tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni li jgħid li tali informazzjoni tista' tiġi rilaxxata biss mil-Public Authority skond id-dispożizzjonijiet tal-Artiklu 13(1) u (2) tal-istess Att jekk huwa *"reasonal practical for the public authority having egard to the nature an extent of the work involved in deciding and making those deletions and the rsources available for that work to make such copy."* Li l-Kummissarju investiga u kkonkluda li biex isir dan ix-xogħol hemm ħafna spejjez u li dan wassal lil Kummissarju biex jikkonkludi li tali proċess ma kienx 'reasonably practical to conduct."

Ra d-dokumenti kollha prodotti

Ra x-xhieda ta ' Nicholas Barbara in rappreżentanza tal-Birdlife Malta u li fih jikkonferma fost oħrajn li fis-sena 2014 biss ġew awtorizzati qrib 5000 liċenzja u 10,000 mansab u li l-informazzjoni mitluba hija d-data ambjentali u mhu data personali.

Ra z-żewġ deċiżjonijiet in parte ta' dan it-Tribunal, waħda biex jixhed Oliver Magro li ġiet milqugħa u l-oħra sabiex jinħatar perit tekniku li ġiet miċħuda.

Ta x-xhieda ta' Oliver Magro, Senior Officer, fl-uffiċju legali tal-Awtorità tal-Ippjanar fejn spjega li l-map server hu antik u llum insejħulu geo server. Li din hija informazzjoni li tinsab fuq kull biċċa art Għawdex u Malta fejn wieħed jekk ikun irid biċċa informazzjoni tali informazzjoni li tkun available rigward żvilupp kif ukoll rigward scheems u local plans. In kontro-eżami huwa xehed li skond l-Kap 553 kulħadd jista' jkun jaf min hu l-owner cioe l-applikant mil-geo server.

Mistoqsi jekk din is-sistema tintużax minn mal-MSDEC huwa wieġeb li huwa ma għandux konnessjoni mal-MSDEC.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkonsidra**

Illi l-appellanti jikkontenti li tali data/dokumenti rikjesti jaqgħu taħt l-artikolu 5 tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni u ma humiex eżenti taħt l-artikolu 30(2)(b)u (c) u l-Artikolu 38(a) u (c) tal-istess Att u l-applikabilita tal-Artikolu 13(3) tal-istess Att.

Filwaqt li l-Kummissarju jargumenta li d-dokumenti mitluba fihom data personali u huma soġġetti għall-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data u għalhekk huma dokumenti eżenti u mhux possibbli li tali dokument Jiġi żvelat b'din id-data jew informazzjoni mneħħija ai termini tal-artikolu 13(1) u (2) u b'hekk l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni Kap 496 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax.

L-ewwelnett dan it-Tribunal jibda biex jgħid li l-Kap 496 cioe l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni li fuqu qed jibbaża l-appell tiegħu l-appellanti ma jistgħax Jiġi iżolat mil-Kap 440 cioe l-Att dwar il-protezzjoni u l-Privatezza tad-Data u dan kif huwa tassitiv fl-artikolu 5(3)(a) tal-Kap 496 li jgħid li l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni ma japplikax meta d-dokumenti jkun fihom data personali suġġetta għall-Att dwar il-protezzjoni u l-Privatezza tad-Data.

Illi meta ssir l-applikazzjoni għal-Liċenzja Ġenerali tal-Insib (Carnet de Chasse) (Sezzjoni B), Insib tal-Għana (Sezzjoni C) u/jew Pluviera/Malvizz (Sezzjoni D) (Dok NB1) l-applikant jiddikjara li qed jagħti l-kunsens tiegħu fit-termini tal-Att dwar il-Privatezza u l-Protezzjoni tad-Data biex tiġi proċessata l-informazzjoni personali għar-raġunijiet imsemmija numru wieħed (1) sa sitta(6) biss fil-klawsola dwar il-Privatezza u l-Protezzjoni tad-Data. Meta wieħed jifli para (1) sa (6) ma jistgħax jingħad li l-applikant iffirma biex d-data personali tingħata lil Birdlife jew lil xi għaqda jew terzi ohra mhux imsemmija f'dawn il-paragrafi.

Illi għalhekk biex isir l-eżerċizzju mitlub mill-appellanti d-data personali trid titneħħa u skond l-artikolu 5(3)(a) la hemm data personali tali dokumenti ma għandux jingħata stante li ma jaqgħax taħt il-Kap 496 tal-Ligijiet ta' Malta sakemm ma titneħħiex din id-data personali liema eżerċizzju mil-atti jirrizulta li huwa wieħed laburjuz u anke jqum aktar minn għaxart elef ewro (€10,000).

Veru li l-appellanti jikkontendi li t-talba tiegħu hija għall raġunijiet ambjentali u ma għandux għalfejn ikun jaf id-data personali tal-persuni li għandhom mansab iżda veru wkoll li l-Awtorità Pubblika in kwistjoni ma hux possibbli għaliha li tħassar din id-data personali u tipprovdi kopja tad-dokument hekk editjat lill-appellanti.

l-artikolu 13(1) tal-Kap 496 japplika għal dokument li huwa dokument eżentat iżda li hu raġonevolment prattiku għall-awtorità pubblika, meta jitqiesu n-natura u l-ammont tax-xogħol involut biex tittieħed deċiżjoni u jsir dak it-tħassir u r-riżorsi aċċessibbli għal dak ix-xogħol li tagħmel dik il-kopja (ar 13(1)(b) Kap 496) filwaqt li l-artikolu 13(3) tal-istess Kap japplika għal dokument li ma jkunx dokument eżentat f'liema każ l-awtorità pubblika tista' jekk hu possibbli u raġonevolment prattiku u jekk l-applikant jaqbel, tgħaddi lill-applikant kopja tad-dokument bil-materjali irrelevanti mħassar iżda dokument ma jistax ma jingħatax għar-raġuni li fih materjal irrevanti li ma jistax jitħassar.

It-tifsira ta' 'dokument eżentat skond l-artikolu 2 tal-Kap 496 hija dik mogħtija fit-Taqsima V u VI tal-istess Kap senjatament l-artikolu 31 li jistabbilixxi li 'Dokument hu dokument eżentat jekk l-iżvelar tiegħu taħt dan l-Att jagħti lok għal azzjoni minn persuna (minbarra awtorità pubblika) għal ksur ta' konfidenzjalita'.

Mill-atti jirrizulta li l-informazzjoni mitluba veru li dak li qed jitlob l-appellanti ma taqghax taħt id-definizzjoni ta' 'dokument eżentat' izda veru wkoll li tali informazzjoni hija parti minn dokument li kif inhu fl-intier tieghu huwa dokument ezentat tenut kont li minħabba c-ċirkustanzi tal-każ kif spjegati hawn fuq l-Awtorità pubblika ma tistgħax tħassar dik il-parti tad-dokumenti li jagħmlu dokument eżentat minħabba l-ammont tax-xogħol involut biex isir dak it-tħassir u r-riżorsi aċċessibbli għal dan ix-xogħol kif jispjega l-artikolu 13(1)(b) tal-istess Kap. Haġa del resto li ma ġietx kontradetta mill-appellanti għal dak li jirrigwarda l-ammont ta' xogħol involut u l-ispejjeż involuti.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal ma jistghax jaqbel ma' dak li qed jikkonteni l-appellanti fl-appell tieghu li tlai informazzjoni mhux ezenti tenut kont ukoll li l-artikolu 32 (1)(c ) tal-Kap 496 jaghmilha cara li informazzjoni personali ma tistghax tigi zvelata. Jigi rilevat ukoll li l-artikolu 13(3) tal-istess Kap kwotat mill-appellanti jirreferi ghal dokument li ma jkunx ezentat u ghalhekk ma ghandux ragun l-appellanti meta jghid li tali dokument huwa ezentat u ghalhekk huwa ghandu jinghata l-informazzjoni mitluba.

Għaldaqstant dan it-Tribunal jaqta u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell u jikkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissarju appellat tal-5 ta' Settembru 2016.

Dr. Anna Mallia
Chairperson

Mr. Charles Cassar
Membru

Mr. David Bezzina
Membru